MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 387/2006

**Paul PORTELLI bħala Direttur Ġenerali tal-*Malta Red Cross Society***

**vs**

**Ruth SALIBA**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mill-esekutata Ruth Saliba fl-4 ta' Mejju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbet li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontra tagħha mis-soċjeta' esekutanti intimata fis-7 ta' April, 2006, u dan minħabba li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-istess soċjeta' esekutanti, minħabba li l-ammont mitlub ma hux *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv, u minħabba li mhux raġonevoli li, fiċ-ċirkostanzi, l-imsemmi Mandat jibqa' fis-seħħ; talbet ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-imsemmija soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti penali; u talbet ukoll li, f'każ li l-Qorti ma tilqax l-ewwel talbiet tagħha, li tordna lill-istess soċjeta' intimata li, fiż-żmien mogħti lilha, tressaq garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali u danni;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2006, li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ u ordnat in-notifika lis-soċjeta' esekutanti intimata;

Rat it-Tweġiba mressqa mis-soċjeta' intimata waqt is-smigħ tal-1 ta' Ġunju, 2006, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li l-ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrenti ma kienet mistħoqqa;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2006, li bih ħalliet il-kawża għad-degriet kamerali;

## *Ikkunsidrat:*

Illi r-rikorrenti qegħda titlob it-tħassir ta' Mandat ta' Sekwestru li nħareġ kontriha fis-7 ta' April, 2006[1], fuq talba tas-soċjeta' intimata, bil-kawżali dikjarata ta' "rifużjoni ta' flus u fondi tal-*Malta Red Cross Society* approprjati illegalment mill-intimata bħala impjegata tal-*Malta Red Cross Society*". It-talba ntlaqgħet dak inhar li tressaq il-Mandat. Dak inhar ukoll, is-soċjeta' intimata talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni[2], bl-istess kawżali. L-imsemmi Mandat ta' inibizzjoni nħareġ biex iżomm lir-rikorrenti milli tittrasferixxi d-dar fejn toqgħod. Il-pretensjonijiet tas-soċjeta' intimata llum il-ġurnata jiffirmaw il-mertu ta' kawża li l-istess soċjeta' fetħet kontra r-rikorrenti[3];

Illi r-rikorrenti tgħid li l-Mandat ta' Sekwestru għandu jitħassar għaliex, minbarra li hija tikkontesta bil-qawwa kollha x-xiljiet magħmulin lilha mis-soċjeta' intimata, tgħid li l-ammont indikat fil-Mandat huwa eċċessiv għaliex hija qatt ma kellha f'idejha dak l-ammont ta' flejjes tas-soċjeta' lanqas kieku x-xiljiet kontriha kienu minnhom. Iżżid tgħid ukoll li bil-fatt li s-soċjeta' intimata talbet u ħarġet Mandat kawtelatorju ieħor, jiġi li l-pretensjonijiet tagħha huma mħarsin kif jixraq u biżżejjed b'dak il-Mandat. Minbarra dan, ladarba meta fetħet il-kawża, xi ftit jiem wara li nħareġ il-Mandat, is-soċjeta' intimata (bħala parti attriċi fil-kawża) stqarret li ma kinitx għadha waslet biex tgħid bl-eżatt kemm kien tassew l-ammont ta' flus approprijati mir-rikorrenti, dan iġib li mad-daqqa t'għajn l-ammont iddikjarat fil-Mandat ma jistax jitqies bħala wieħed ġustifikat. Fl-aħħarnett tgħid li m'huwiex raġonevoli li l-Mandat ta' Sekwestru jibqa' fis-seħħ;

Illi s-soċjeta intimata eżekutanti, fit-Tweġiba tagħha, tillimita ruħha biex tgħid li l-Mandat għandu jibqa' fis-seħħ u li fil-waqt xieraq sejra tipprova kemm l-ammont imsemmi fil-Mandat kien minnu, u li l-indikazzjonijiet

[1] Paġġ. 5-6 tal-proċess
[2] Inib. 553/6, f'paġġ. 8 sa 10 tal-proċess
[3] Rik. Nru.312/06JRM

huma li kien ogħla wkoll. Semmiet li hija tista' ssostni wkoll ix-xiljiet tagħha fil-konfront tal-eżekutata;

Illi l-Qorti tqis li bosta mill-argumenti mressqa mill-intimata eżekutanti huma l-qofol fil-mertu tal-kwestjoni eżistenti bejnha u r-rikorrenti, u għalhekk, m'għandhom l-ebda rilevanza għall-kunsiderazzjonijiet li trid tagħmel din il-Qorti f'din il-proċedura. L-istħarriġ dwar il-fatti fil-mertu għandhom posthom biss fis-smigħ tal-kawża, u mhux fl-atti ta' din il-proċedura;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tistħarreġ ir-raġunijiet li r-rikorrenti ssemmi bħala raġuni biex din il-Qorti tħassar, għal kollox jew f'biċċa minnu l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra tagħha;

Illi **dwar il-kawżali li teżisti garanzija oħra** (Art. 836(1)(ċ) tal-Kap 12)**,** irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[4]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[5]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija. Dak li huwa meħtieġ fil-garanzija alternattiva msemmija huwa li din trid tkun waħda soda u ċara u tkun tikkonsisti fi flus li jkunu disponibbli jew f'assi faċilment rejalizzabbli[6];

[4] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[5] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[6] P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Ranger Company Limited vs Euro Imports Limited***

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[7];

Illi, fil-każ preżenti, r-rikorrenti ressqet prova li turi li d-dar fejn tgħix flimkien ma' żewġha kienet milquta minn Mandat ieħor kawtelatorju maħruġ mis-soċjeta' intimata eżekutanti. Uriet ukoll li l-imsemmi Mandat iżommha milli b'xi mod tittrasferixxi jew tgħabbi dak il-ġid b'xi piż. Intwera wkoll[8] li dak il-ġid tar-rikorrenti jaqbeż fil-valur l-ammont mitlub fil-Mandat. Min-naħa tagħha, is-soċjeta' intimata eżekutanti ma ikkontestat bl-ebda mod l-imsemmija fatti, u l-argument li għandha indikazzjoni li l-ammonti tal-pretensjoni tagħha sejrin 'il quddiem jinqabżu, ma huwiex argument tajjeb biex jista' jingħad li b'daqshekk ma hemmx garanzija oħra li tista' tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrenti seħħilha turi li għandha raġuni tajba biex il-Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontra tagħha jitħassar, u l-ewwel talba tagħha sejra tintlaqa';

Illi huwa biżżejjed li tirriżulta mqar raġuni tajba waħda minn dawk maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12 biex il-Qorti tista' tagħti provvediment fuq rikors imressaq quddiemha f'dan is-sens, u għalhekk mhuwiex meħtieġ li, f'dan il-każ, il-Qorti tistħarreġ iż-żewġ kawżali l-oħra msemmija mir-rikorrenti;

Illi **dwar it-tieni talba tar-rikorrenti** irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa[9], irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Għalkemm il-

[7] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[8] Dok "RS3", f'paġ. 12 tal-proċess
[9] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Ind. Ltd. vs Calleja Cremona***

liġi tagħti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponix penali, il-liġi trid li l-penali tkun inflitta jekk jirriżultaw l-estremi maħsuba mil-liġi u tista' tagħżel biss li ma timponix tali penalita' f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk jimponi[10], u dan għaliex penali bħal dik hija meqjusa bħala miżura ta' ordni pubbliku maħsuba li tara li tinżamm is-serjeta' tal-proċediment ġudizzjarju u teħles mill-abbuż li jista' jsir bl-atti kawtelatorji;

Illi l-liġi ssemmi erbgħa (4) ċirkostanzi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[11]. F'dan il-każ, ir-rikorrenti qegħda ssejjes il-pretensjoni tagħha fuq waħda minnhom, sewwasew dik iċ-ċirkostanza maħsuba taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12, li titkellem dwar Mandat maħruġ b'malizja jew għal raġuni fiergħa jew biex iddejjaq lill-parti li kontriha jinħareġ dak il-Mandat;

Illi minn dak li joħroġ mill-atti, ma jirriżultax lill-Qorti li l-Mandat li tiegħu r-rikorrenti qegħda titlob it-tħassir, inħareġ mis-soċjeta' intimata b'ħażen jew bla ebda raġuni. Is-sentenza illi r-rikorrenti ssemmi fir-Rikors tagħha ma jidhirx li kienet mibnija fuq dik il-kawżali. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li l-Mandat in kwestjoni (għalkemm m'huwiex l-uniku wieħed maħruġ mis-soċjeta' eżekutanti dak inhar) kien l-ewwel att ġudizzjarju maħruġ fil-konfront tar-rikorrenti eżekutata. Il-pretensjonijiet dedotti fil-Mandat kienu fil-fatt jiffurmaw il-bażi tal-kawża li nfetħet ftit jiem wara;

Illi, minħabba f'hekk, din it-tieni talba tar-rikorrenti ma jidhirx li jistħoqqilha tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba, mhux meħtieġ li tqis it-tielet talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi li:

---

[10] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[11] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrenti u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ fis-7 ta' April, 2006, fl-ismijiet "*Paul Portelli bħala Direttur Ġenerali tal-Malta Red Cross Society vs Ruth Saliba*" (Mandat 554/06), bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata eżekutanti;

**Tiċħad it-tieni talba** billi ma tirriżultax mistħoqqa;

**Tastjeni milli tqis it-tielet talba** ladarba ntlaqgħet l-ewwel talba;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------